MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1350/2003

**Renato Spiteri (ID 357074M)**
**vs**
1. **Malta Freeport Terminals Limited (C27581)**
2. **Focal Maritime Services Company Limited (C21561)**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta Illi:

PREMESS illi l-attur huwa haddiem licenzjat tax-xatt;

U PREMESS illi fil-hmistax (15) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), ghall-habta tat-tmienja u nofs ta’

filghaxija (8.30pm) waqt li l-attur kien qieghed jahdem fuq inkarigu tas-socjetajiet konvenuti fuq il-bastiment ‘Adria Bianca’ sorgut f’*Terminal Two* tal-*Malta Freeport,* huwa korra waqt il-process tal-*lashing* tal-*containers*;

U PREMESS illi b’rizultat dirett ta’ l-imsemmi ncident l-attur sofra telf ta’ qligh, dizabilita’ permanenti, u danni konsegwenzjali;

U PREMESS illi l-imsemmi ncident sehh unikament tort, b’negligenza, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tas-sigurta’ fuq il-post tax-xoghol da parti tas-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom;

U PREMESS illi s-socjetajiet konvenuti gew interpellati, anke permezz ta’ ittra ufficjali tal-ebatax (14) ta’ Novembru elfejn u tlieta (2003), sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, izda baqghu inadempjenti;

GHALDAQSTANT, jghidu s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni ohra necessarja:

1. Tiddikjara lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom responsabbli ghall-incident li sehh fil-hmistax (15) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u wiehed (2001), fejn korra l-attur, kif fuq deskritt;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b’konsegwenza ta’ l-incident imsemmi;

3. Tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

BL-ISPEJJEZ inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-14 ta’ Novembru 2003, u bl-imghaxijiet kontra s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-Dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals** a fol. 12 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi s-socjeta' konvenuta m'hiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u/jew danni konsegwenzjali;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ma sofra ebda dizabilita' permanenti.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta Focal Maritime Services Company Limited** a fol. 16 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici kwantu indirizzati versu l-eccipjenti huma nfondati. L-eccipjenti tirrapprezenta f'Malta lill-*United Feeder Services l.p..,* li kellha l-vapur Adria Bianca *chartered* maghha. Pero' dan ma jfissirx li l-*Focal Maritime Services Company Limited* tirrapprezenta lis-sidien tal-vapur Adria Bianca li fuqu gara l-kaz.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jekk l-allegat incident sehh minhabba xi allegat nuqqas fuq il-vapur, ir-responsabbilta' se mai titqieghed wara bieb is-sidien ta' l-istess vapur u mhux wara bieb ic-*charterer* jew wara l-bieb ta' l-agent tac-*charterer.*

3. Illi l-eccipjenti *Focal Maritime Services Company Limited* m'ghandha l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-*Malta Freeport* Terminals *Limited,* li hija responsabbli biex tipprovdi servizzi w *personnel* inkluzi haddiema tax-xatt bhall-attur lill-bastimenti li jigu joperaw fil-Malta Freeport. Isegwi illi jekk tezisti xi relazzjoni din tezisti bejn l-attur u l-*Malta Freeport Terminals*.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici kwantu indirizzati versu l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

5. Illi minn dan isegwi illi s-socjeta’ konvenuta eccipjenti m’ghandha l-ebda danni x’tillikwida versu l-attur.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Rat id-digriet tal-21 ta’ April 2004 li bih gie nominat Mr. Carmel Sciberras bhala espert mediku;

Rat ir-rapport tal-espert a fol. 81 et seq;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet.

**Fatti**

Fil-15 ta’ Dicembru 2001 l-attur, li hu Port worker, kien xoghol ma’ haddiema ohra mill-Port Workers Scheme mill-4.00 p.m. sa’ nofs il-lejl fil-Freeport. Il-*foreman* imqabbad mill-Freeport hadhom fuq il-vapur bl-isem “Adria Bianca” biex jaghmlu xoghol ta’ *lashing* (jorbtu *containers* fuq il-vapur). Meta kienu kwazi lesti l-bahri ta’ fuq il-vapur ried jzid xi *lashing* iehor u l-attur u l-ohrajn marru warajh biex jindikalhom fejn ried il-*lashing* u meta wasslu fuq in-naha ta’ quddiem tal-vapur l-attur waqa’ ma l-art ghaliex kien hemm xi haga iebsa fl-art tfixkel fiha u wegga u kiser spaltu x-xellugija. Wara rrizulta li kien waqa’ minhabba hadida mwahhla ma’ l-art, li ma’ kienetx tidher peress illi l-vapur ma’ kienx mghammar b’dawl sufficjenti. L-incident gara bejn 8.15 u 8.30 p.m. L-attur dak inhar ta’ l-incident kien liebes *safety helmet, safety shoes* u anke l-ingwanti bhala protezzjoni ghall-perikoli. *S*kond certifikat mediku mahrug mill-Professur Raymond Gatt imqabbad mill-attur (Dok. RS6 a fol. 55-56) l-attur qed ibati minn dizabilita’ permanenti ta’ 5%. F’din il-kawza l-attur qed ifittex ghad danni li sofra.

**L-ilment ta’ l-attur**

L-attur isostni li l-incident gara tort tal-konvenuti minhabba li l-vapur ma kienx *safe* billi kien hemm "*hadida ma' kienetx tidher, kif ukoll minhabba l-fatt li l-vapur ma' kienx mghammar bid-dawl sufficjenti biex jurina fejn ahna sejrin"* u li meta gew biex jilmentaw mal-*foreman* dan ma kienx hemm u kien telaq.

Illi l-hadida li fiha tfixkel l-attur hija parti mill-vapur cjoe *guard* tac-cimi tal-vapur kif spjega Dr. Ian Micallef fix-xhieda tieghu.  L-attur u x-xhieda minnu prodotti jinsistu li "kien hemm hafna imbarazz jigri, fosthom hadid, hbula u *bottle screws*".  Skond il-konvenuti dan l-"imbarazz" kien parti mill-materjal li kienu qeghdin juzaw il-haddiema fil-kors tax-xoghol taghhom. Dan kien parti mill-ambjent li jkun hemm fit-trasbord tal-merkanzija.

Fir-rigward tan-nuqqas tad-dawl kemm l-attur u kif ukoll ix-xhieda li kienu prezenti meta sehh l-incident jinsistu li kien hemm nuqqas ta' dawl fuq il-vapur u li kwazi kollha kemm huma tfixxklu fil hadida li kien hemm imwahhla ma' l-art tal-vapur u li nonostante l-perikolu li kienu jinsabu fih l-attur u shabu baqghu jahdmu fuq l-imsemmi vapur peress illi  x-xoghol kien mghaggel u l-bahri ma' kellux ic-cans li jgibilhom id-dawl.   F'dan ir-rigward il-*foreman* Victor Spiteri spjega illi waqt illi jkun qieghed isir ix-xoghol tal-*lashing* fuq il-vapur, jkun hemm *crane* li jkun qed jahdem fuq il-*bay* u tant ikun hemm xoghol ghaddej illi l-*crane* jitlaq minn hemmhekk u jmur fuq *bay* ohra b'rizultat illi d-dawl kollu li jkun hemm jitlaq. Ghid illi meta jitlaq il-*crane* (li jkun qiesu linfa) abbord jispiccaw b'bozza zghira u ghalhekk in-nuqqas ta' dawl jinhass hafna aktar.

L-attur jikkontendi wkoll illi huwa ma' setax jipprotesta dwar in-nuqqas ta' dawl mal-*foreman* ghaliex dak il-hin dan kien telaq minn fuq il-post tax-xoghol.  L-attur qieghed jinsisti illi la Victor Spiteri u lanqas r-rapprezentanti tieghu ma' kienu prezenti dak il-hin sabiex jghinhom.  Din l-allegazzjoni ma' gietx kontradetta la minn Victor Spiteri u lanqas mill-Malta Freeport Terminal Limited ghaliex it-tnejn  qeghdin jghidu li m'ghandhomx *record*.

**Responsabilita'**

**Kontestazzjoni konvenuti Focal Maritime Services Company Limited.**

Dwar is-socjeta' Focal Maritime l-attur qed jikkontendi li dawn ghandhom tort billi kienu huma li ordnaw ix-xoghol u li ghalhekk kellhom jaraw li l-vapur li riduhom jahdmu fuqu kien *safe*.

Il-konvenuti Focal Maritime qed jeccepixxu preliminarjament illi t-talbiet attrici kwantu indirizzati kontra taghhom huma nfondati billi huma jirrapprezentaw f'Malta lill-*United Feeder Services l.p..,* li kellha l-vapur Adria Bianca *chartered* maghha u dan ma jfissirx li l-*Focal Maritime Services Company Limited* tirrapprezenta lis-sidien tal-vapur Adria Bianca li fuqu gara l-kaz.

Illi l-konvenuti Focal Maritime jissottomettu li huma m'humiex responsabbili ghal li gara billi huma agenti tac-*charterer* u mhux tal-*owners*. Bla ma l-Qorti tidhol f'dina l-ahhar kwistjoni u minghajr ma tidhol fil-kwistjoni l-ohra jekk il-vapur kienx *safe* jew le, u min kien responabbili biex jipprovvdi vapur li jkun *safe*, il-Qorti tirrileva li mic-citazzjoni jirrizulta li l-konvenuti gew imharrka f'isimhom proprju u mhux bhala rapprezentanti la tal-*owners* jew lanqas tac-*charterers* ghalhekk il-konvenuti Focal Maritime f'isimhom proprju ma dahlu fl-ebda relazzjoni kontrattwali jew xort'ohra ma l-attur, it-talba fil-konfront taghhom ma tistax tregi. Salv kwalunkwe dritt kontra taghhom da parti tal-Freeport.

**Kontestazzjoni Malta Freeport Terminals**

L-attur jikkontendi li s-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals hija responabbili billi kien hemm relazzjoni lavorativa bejnu u il-Freeport Terminals. Hu rrefera ghal NI 30 fejn l-isem tal Principal hu Freeport Terminals u l-firma tal-Personnel Officer hija ta' J. Visanich li jahdem mal-Freeport. Inoltre jghid li c-*cheque* tal-paga kien

jircevihom mill-Freeport. Dawn kienu jibghatuh ghax xoghol fejn jghidulu huma u taht id-direzzjoni tal-*foreman* imqabbad minnhom.

Is-socjeta’ konvenuta Malta Freeport Terminals eccepiet illi hija m’hiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u/jew danni konsegwenzjali billi l-incident gara b’negligenza grossolana da parti tal-attur illi messu kien jaf illi fuq vapur merkantili jkun hemm l-attrezzi msemmija minnu u li ma’ messux baqa’ miexi fid-dlam.

Is-socjeta’ Malta Freeport Terminals Ltd inoltre tikkontendi illi ma hemm l-ebda relazzjoni ta’ min ihaddem u mpjegat bejnhom u l-attur. Barra minnhekk hija ssostni illi gjaladarba l-incident gara abbord il-vapur huwa l-obbligu tal-Malta Maritime Authoirty li l-ambjent jkun *safe* mhux biss ghal finijiet ta’ *berthing* fil-port izda wkoll ghall-finijiet ta’ xoghol.

Minghajr pregudizzju ghal premess, wiegbu wkoll illi l-attur ma sofra ebda dizabilita’ permanenti.

**Tikkunsidra**

Illi skond Dr. Stanley Portelli in rapprezentanza tas-socjeta’ konvenuta kien hemm *contract of works/ services* bejn is-socjeta’ konvenuta u l-Malta Maritime Authority, kif wkoll relazzjoni kuntrattwali bejn l-Freeport u Victor Spiteri li huwa *foreman* licenzjat mill-Malta Maritime Authority biex jiehu hsieb tal-haddiema.

Illi ghalhekk kienet tezisti relazzjoni bejn is-socjeta’ konvenuta u l-attur anke jekk mhux b’mod dirett. Dan johrog ukoll car mill-fatt illi l-Malta Freeport Terminals Ltd. kienet tordna n-nies skond il-vapuri u skond ix-xoghol li jkollha bzonn tramite Victor Spiteri li imbaghad igib il-haddiema mill-Port Workers Scheme. Il-Malta Freeport Terminals Ltd kienet tipprovvdi l-ghodda li biha l-haddiema jahdmu u kull ma jkun hemm bzonn. Hi kienet imbaghad thallas globalment ghas-servizzi li tkun inghatat mill-haddiema lill-Malta Maritime Authority.

Jirrizulta mill-provi li meta kienu jigu ordnati haddiema biex imorru jahdmu fuq vapur il-*foreman* imqabbad mill Freeport suppost kellu juri lill-haddiema fejn ikun ser jinhadem ix-xoghol u jghidilhomm kif suppost jorbtu. Gie stabilit ukoll mill-provi illi l-*foreman* ma' kienx jitla fuq kull vapur qabel ma' jitilghu l-haddiema fuqu sabiex jara jekk huwiex *safe* jew le u il-*foreman* Victor Spiteri jghid li f'kaz illi xi wiehed mill-haddiema jhoss illi hemm xi riskju fuq il-vapur hu jitla' fuq il-vapur sabiex jivverifika jekk hemmx perikolu.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi ghalkemm meta nbeda x-xoghol seta' mar il-*foreman* jew rapprezentant tieghu biex jurihom fejn kellhom jahdmu, pero' fil-hin illi fih sehh l-incident, la l-*foreman* u lanqas ir-rapprezentant tieghu ma' kienu fuq il-lant tax-xoghol biex jghinuhom u jiggwidawhom. Mill-provi hareg ukoll li la Victor Spiteri ma' kellu *records* dwar min kien prezenti fil-hin tal-incident u lanqas l-Malta Freeport Terminals Ltd. u r-*records* baqghu ma' nstabux. Illi ghalhekk fin-nuqqas ta' prova migjuba mis-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd. l-verzjoni tal-attur ghandha tigi emnuta.

Jirrizulta ghalhekk illi ma' kienx hemm is-supervizjoni rikjesta fuq il-haddiema dakinhar tal-incident. Dan kellu jigi pprovdut mis-socjeta' konvenuta Malta Freeport Terminals Ltd. li kienet il-kuntrattur principali f'dan il-kaz u li kellha relazzjoni mal-Port Workers Scheme tramite l-Malta Maritime Authority illi ipprovdiet is-servizz.

Kif qalet il-Qorti fis-sentenza P.A. Benjamin Sammut vs Meli Bugeja Co. Ltd 10/7/2006 ir-responsabbiltà ghal incidenti fuq il-post tax-xoghol ma tqumx biss mir-relazzjoni ta' bejn haddiem u min ihaddmu. Meta l-ambjent tax-xoghol qieghed taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol, dan ghandu dmir illi jaghmel dak li hu ragonevolment mehtieg u prattiku biex jelimina jew, ghallinqas, inaqqas il-perikoli u r-riskji ghal dawk li hu jqabbad biex jaghmlu xoghol fl-interess tieghu f'dak l-ambjent. Il-kriterju ghalhekk, huwa jekk il-post tax-xoghol huwiex taht il-kontroll ta' min jaghti x-xoghol.

Ghalhekk il-konvenuti Freeport Terminals huma responsabbili ghall-incident li fih korra l-attur.

**Responsabilita' attur**

Kuntrarjament ghall dak li qed issostni s-socjeta' konvenuta, Malta Freeport Terminals, l-incident ma garax fl-erbgha ta' wara nofsinhar meta suppost ghadu d-dawl imma wara t-tmienja, meta kien dalam.

L-attur isostni li min naha tieghu huwa kien diligenti f'xogholu u kien liebes is-*safety wear* kollu necessarju inkluz is-*safety helmet, safety shoes* u ingwanti u li meta kienu qed jimxu abbord il-vapur u kien hemm il-perikolu huma mxew b'attenzjoni u l-attur waqa' u wegga ghax kien hemm hadida li ma kienitx tidher minhabba nuqqas ta' dawl. Hu kien ipprova jigbed l-attenzjoni dwar dana lill *foreman* izda dak il-hin dan ma kienx hemm u kellu jkompli jahdem ma shabu f'dak l-ambjent billi x-xoghol kellu jitlesta.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma kkontribuwiex ghall incident.

**Danni sofferti mill-attur**

**Damnum Emergens**

B'konsegwenza ta' l-incident l-attur wegga' spalltu u rega' dahal lura ghax-xoghol fil-25 ta' Awissu 2002. Illi Francis Calleja prodott mill-attur waqt is-seduta tal-21 ta' Frar xehed illi fil-perijodu li fih l-attur ma' kienx qed jahdem huwa kien qieghed jircievi Lm16.00 kuljum mill-assikurazzjoni u meta komparat ma' haddiem iehor li jaghmel l-istess tip ta' xoghol irrizulta li l-attur tilef Lm9,935 f'dak il-perijodu u dan kif jidher mill-ittra mahruga minn Neville Muscat li tinsab a fol. 112 tal-process. Ix-xhud spjega illi dawn il-kalkoli saru fuq xoghol li jinhadem

kemm fil-Port il-Kbir u anke fil-Freeport fejn kien jahdem l-attur. Dana l-ammont ghalhekk l-attur hu intitolat ghalih.

**Lucrum Cessams**

**Dizabilita' Permanenti**

F'din il-kawza gew ezebiti zewg certifikati medici dwar id-dizabilita' permanenti ta' l-attur, certifikat mahrug mill-Professur Ray Gatt fuq inkarigu tal-attur, li jinsab a fol. 5 tal-process fejn inghata 5% dizabilita' permanenti u certifikat mahrug minn Dr. Fredrick Zammit Maempel li gie inkarigat mill-Freeport sabiex jezamina lill-attur datat l-10 ta' Mejju 2002 li gie immarkat bhala Dok SP2 u li jinsab a fol. 168 tal-process.

Il-Professur Gatt wara li ezamina lill-attur ikkostata li l-*fracture* kienet fieqet u li l-problema li kellu l-attur kien ugigh persistenti fl-ispalla u spjega illi ghalkemm l-ghadma tkun fieqet pero' ma' tista' ma tkunx fieqet f'posizzjoni normali. Huwa jghid ukoll illi wara li hareg dan ic-certifikat huwa ma' regax ezamina lill-attur izda qal ukoll illi biz-zmien dan l-ugiegh jista' jonqos ukoll.

Minn naha l-ohra Dr. Fredrick Zammit Maempel ikkostata li ma' hemmx dizabilita' permanenti *"I would advise that he be given duties that do not involve lifting heavy objects above shoulder level for six months further I do not expect permanent disability."*

**Mr. Carmel Sciberras** nominat minn dina l-Qorti fis-seduta tal-21 ta' April 2004 ezamina lill-attur u rrelata dwar id-dizabilita' ta' l-attur fejn tah 3% dizabilita'. Il-Perit Mediku biex wasal ghal konkluzjonijiet tieghu ha in konsiderazzjoni diversi fatturi fosthom illi wara li l-attur rega' dahal ghax-xoghol huwa qatt ma' hareg fuq *sick leave* minhabba spallejh; illi l-attur wara l-incident beda jkollu episodji ta' ugigh f'ghonqu l-aktar wara gurnata ta'

strapazz u l-fatt illi l-ksur ghalkemm ghaqad l-muskolu jibqa' xi ftit dghajjef.

Issir hawnhekk referenza ghal Dok IM2 li jinsab a fol. 155 tal-process li hija ittra datata is-17 ta' Jannar 2003 mibghut mill-General Workers Union lil Dr. Ian Micallef in rapprezentanza tal-Malta Freeport Terminals Ltd. fejn jinghad illi *"our member has not sustained any permanent disabilities and thus his claim is limited to the amount he has not received as income due to his injury…considering the above, on behalf of our member we request a full and final settlement amounting to Lm9,335.00."*

Illi dina l-Qorti tirrileva illi ghalkemm l-attur f'dawn il-proceduri pproduca bhal prova tat-telf ta' qliegh l-introjtu ta' haddiem iehor, certu Raymond Sammut ghal perijodu li fih l-attur ma' kienx dahal ghax-xoghol minhabba l-incident in kwistjoni huwa naqas illi jipproduci provi dokumentarji u konferma taghhom dwar id-dhul tieghu annwali u ghalhekk dina l-Qorti mhijiex f'posizzjoni illi tikkalkola l-*lucrum cessans*.

Ghaldaqstant dina l-Qorti thoss illi l-attur ghandu jigi kkumpensat biss ghat-telf ta' qliegh fil-perijodu illi fih huwa ma' kienx qieghed jahdem u cjoe' fis-somma ta' Lm9,935.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi billi
Tiddikjara lis-socjeta' konvenut Malta Freeport Terminals Limited responsabbli ghall-incident li sehh fil-15 ta' Dicembru 2001 fejn korra l-attur;

Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-incident imsemmi fl-ammont ta' disa' telef tlett mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm9,335);

Tikkundanna lis-socjeta imsemmija thallas lill-attur id-danni hekk likwidati.

BL-ISPEJJEZ u bl-imghax mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni kontra l-konvenuti Malta Freeport Terminals Ltd;

Tichad it-talba ta' l-attur fil-konfront tal-konvenuti Focal Maritime Services Co. Ltd
Bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------